# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/121/PESK

## tal-25 ta' Frar 2010

## li temenda l-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Frar 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/92/PESK ([2]), adottata fil-15 ta' Frar 2010, estendiet il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK sal-20 ta' Frar 2011.

(3) Il-Kunsill jikkunsidra li għandha tiżdied persuna mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK. Il-lista li tinsab fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuna msemmija fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandha tiġi inkluża fil-lista stabbilita fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. Á. MORATINOS

---

([1]) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.

([2]) ĠU L 41, 16.2.2010, p. 6.

*ANNESS*

**Persuna msemmija fl-Artikolu 1**

Nru 57 Jangara magħruf ukoll bħala Changara, Thomsen